**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA' REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 21 ta' Frar, 2017**

Numru 2

**Appell Nru. 22/2016**

**L-Avukat Generali ghan-nom tal-Gvern ta' Malta**

**vs**

**L-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali nomine tat-23 ta' Novembru 2016 mid-decizjoni preliminari tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tat-3 ta' Novembru 2016 li laqghet eccezzjoni tal-appellati li l-Avukat Generali ma kellu ebda dritt ta' appell ai finijiet tal-artikolu 80 tal-Kap. 552, in konnessjoni ma' PA 456/2016;

Rat ir-risposti tal-appellati li ssottomettew li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:

Ikkunsidra.

L-eccezzjoni preliminari hija msejsa fuq dak provut mill-artikolu 80 tal-Kap 552. Dan l-artikolu jiddisponi fil-paragragu 3 hekk:
(4) L-applikant, jew il-persuna interessata li qed taghmel talba that dan l-artikolu, jekkihossu aggravat mid-decizjoni mehuda mill-Bord tal-Ippjanar, ghandu d-dritt li jappella d-decizjoni tal-bord tal-Ippjanar quddiem it-Tribunal fi zmien tlettin gurnata mid-data tas-seduta meta d-decizjoni tkun ittiehdet.

L-argument tal-appellanti huwa l-kliem ta' din il-ligi jaghtuh id-dritt li jaghmel dan l-Appell. Huwa car mill-Atti li l-appellanti ma kienx l-applikant u lanqas ma kien persuna interessata li kienet ghamlet it-talba ghal revoka. Ghalhekk fuq l-interpretazzjoni stretta ta' dan l-artikolu l-appellanti ma kellux dritt li jaghmel dan l-appell.

L-appellanti jghid fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu illi l-ligi tuza l-kelma persuna interessata b'mod wiesgha sabiex jista jappella kwalunkwe persuna. Din hija asserzjoni li tmur lil hinn minn kull dettam tar-regoli ta' pjanar. L-effett ta' tali interpretazzjoni jfisser li jkun negazzjoni assoluta ta' dritt procedurali fis-sens li kull persuna fi kwalunkwe sitwazzjoni jista jappella minn kull decizjoni tal-Awtorita' minghajr kontroll. Il-ligi hija cara – persuna interessata li tkun ghamlet talba jista jappella sic et sempliciter.

L-Appellanti ddikjara wkoll li l-Kap 551 jipprovdi li decizjonijiet tal-Awtorita' jistghu jigu appellati mill-Avukat Generali ghan-nom tal-Gvern li certament jinkwadra ruhu taht kull persuna. Bir-rispett kollu din hija interpretazzjoni wiesgha wisq. Il-Gvern ghandu dritt li jkun terza persuna interessata izda dana dejjem skond il-ligijiet applikabbli. Dan ir-ragunament kien jaghti lill-Gvern dritt li jappella meta jrid minghajr ma jsewgi l-procedura specjali – li f'dan il-kaz huwa li jkun persuna interessata li ghamlet talba taht l-artikolu 80 tal-Att 552.

L-Appellanti ghamel ukoll riferenza ghal artikolu 11.c. Tal-Kap 551 fejn jaghmel l-istess argument fis-sens li dan l-artikolu jaghti dritt lil kull persuna li tkun aggravata b'decizjoni fuq talba għal tibdil jew revoka ta’ permess. Ghalkemm hawn ir-riferenza hija ghal kull persuna, dan l-artikolu jrid jigi nterpret flimkien mal-artikolu 80 tal-Kap 552 biex jaghmel sens. Interpretazzjoni in a vacuum kien jaghti dritt lill-Kullhadd dejjem li jiddikjara li ghandu interess u jaghmel Appell. Dana zgur ma kienitx l-intenzjoni tal-Legislatur.

L-Appellanti ghamel riferenza ghall-artikolu 11 (e) tal-Kap 551 fejn it-Tribunal ghandu:
“jisma u jiddeciedi kull appell maghmul minn terzapersuna interessata li tkun issottomettiet rapprezentazzjonijiet bil-miktub kif stabbilit mill-Awtorita’ tal-Ippjanar skont l-artikolu 71(6) tal-Att tal-2016 dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp; (i) minn decizjonijiet fuq applikazzjoni ghal permess ta’ zvilupp; (ii) minn decizjoni fuq applikazzjoni ghall-kontroll tal-ippjnar relatata ma tibdil fl-allinjament; (iii) minn decizjoni fuq ordni ta’ skedar u ordni ta’ konservazzjoni;

Izda; (i) l-Avukat General ghan-nom tal-Gvern; u (ii) kull dipartiment, agenzija, awtorita’ jew korp guridiku iehor kollu kemm hu propjeta’ tal-Gvern li ma jkunx awtorita’ jew korp guridiku iehor kollu kemm hu propjeta’ tal-Gvern li ma jkunx konsulent estern li jkun gie konsultat u ma oggezzjonax, ghandu dejjem ikun meqjus ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi bhala terza persuna interessata minkejja illi ma jkunux gew sottomessi minnu rapprezentazzjonijiet bil-miktub.”

Dan l-artikolu jaghmilha cara li si tratta ta' appelli ai finijiet tal-artikolu 71(6) tal-Att tal-2016 dwar l-Ippjanar u Zvilupp. Dan l-artikolu jaghti dritt lill kull persuna li taghmel rappresentazzjonijiet fiz-zminijiet stabbilita bil-ligi. L-artikolu 11(e) jiddikjara li l-Gvern huwa terza persuna interessata ai finijiet ta' dak l-artikolu u bhala tali jista jaghmel appelli quddiem dan it-Tribunal.

IZDA dan it-Tribunal hawhekk ghandu quddiemu artikolu specjali fis-sens li huwa artikolu li jipprospetta sitwazzjoni differenti minn dak provuta fl-Artikolu 71(6). L-artiklu huwa car fil-kliem tieghu u fl-opinjoni ta' dan it-Tribunal ma jhallix lok ghal interpretazzjoni xort'ohra.

Min ikun ghamel it-talba ghal revoka ghandu dritt ta' appell jekk din it-talba ma tintlaqax – ubi lex dixit ubi lex voluit.

Ghalhekk it-Tribunal jilqa l-eccezzjoni preliminari tal-applikant u jiddikjara null l-appell intavolat mill-appellant.

**Ikkunsidrat**

L-aggravju tal-appellant hu s-segwenti:

1. It-Tribunal ghamel zball ta’ ligi meta ddecieda li l-appellant ma kellux locus standi jressaq dan l-appell billi hares biss lejn dak li jipprovdi l-artikolu 80 tal-Kap. 552. L-artikolu 11(1)(c)(iii) tal-Kap. 551 jipprovdi li t-Tribunal ghandu gurisdizzjoni jisma u jiddeciedi appell minn kull persuna aggravata b’decizjoni fuq talba ghal tibdil jew revoka ta’ permess. Ghalhekk it-Tribunal ma setax jghid li dan id-dritt hu limitat b’dak li jghid l-artikolu 80 tal-Kap. 552 izda bil-kontra cioe li bla hsara ghal dak li jghid l-artikolu 80 tal-Kap. 552 hemm dritt ta’ appell taht l-artikolu 11(1)(c)(iii) tal-Kap. 551. Id-dritt ta’ appell qed jinghata lil kul persuna li tikkwalifika taht ligi jew ohra ghax iz-zewg ligijiet jaghtu drittijiet bla hsara ghal xulxin izda b’zieda ghal xulxin. L-azzjoni moghtija a bazi tal-artikolu 80 tal-Kap. 552 u dik a bazi tal-artikolu 11(1)(c)(iii) tal-Kap. 551 mhumiex esklussivi ghal xulxin. Id-dritt ta’ appell fl-interess pubbliku li l-Kap. 551 jaghti lil Avukat Generali ghan-nom tal-Gvern ta’ Malta ma kellux jigi interpretat b’mod restrittiv ghax imur kontra l-ispirtu tal-istess dritt. Il-fatt li permess

inhareg fuq procedura skorretta u ma giex revokat ma jistax jittiehed b'mod legger u jimmina d-dritt li johrog mill-Kap. 551 u 552 flimkien.

Il-Qorti tikkonsidra li l-punt ta' partenza ta' dan l-appell hu d-dritt moghti bil-ligi taht l-artikolu 80 tal-Kap. 552 li dwau sar l-appell quddiem it-Tribunal. Dan l-artikolu fis-subinciz (1) jipprovdi li fejn talba ghal tibdil jew revoka ta' permess minhabba frodi, skorrettezza f'dikjarazzjonijiet jew pjanti jew zball f'dokument li jidher minn ezami tad-dokument jew fejn hemm kwistjoni ta' sigurta pubblika, tista' ssir minn <u>kull persuna</u> jew mic-chairperson ezekuttiv tal-Awtorita. L-artikolu 80(3) imbaghad jipprovdi ghal dritt ta' appell minn eventwali decizjoni tal-Awtorita kemm <u>mill-persuna interessata</u> li ghamlet it-talba ghat-tibdil jew ir-revoka jew <u>l-applikant</u>. Ghalkemm il-ligi ssemmi 'kull persuna' fis-subinciz (1) u 'il-persuna interessata' fis-subinciz (3) jidher illi l-iskop ta' din il-procedura hi biex persuna li tkun ghamlet it-talba ghax tallega li sehhet irregolarita kif irid l-artikolu 80 ghandha dritt ta' appell, ghalkemm l-istess artikolu donnu jitlob xi forma ta' interess biex jinbeda dan il-process ta' tibdil jew revoka. Madankollu dak li jinteressa lil Qorti f'din id-decizjoni hu l-locus standi tal-Gvern ta' Malta biex jappella quddiem din it-Tribunal mid-decizjoni tal-Bord. Jidher mill-atti li l-Gvern ta' Malta ma kienx il-persuna li ghamlet it-talba ghal tibdil jew revoka quddiem il-Bord tal-Awtorita jew 'kull persuna ohra' li ghamlet xi sottomissjonijiet kif jippermetti t-tielet paragrafu tal-istess artikolu 80. L-artikolu 80 hu car min ghandu dritt jappella u l-Qorti tqis illi la darba l-ligi hi cara ma hemmx lok ghal interpretazzjoni ghax il-legislatur qal dak li ried jigi implimentat bil-ligi.

L-appellant pero qed jissottometti illi l-Kap. 551 cioe fejn jikkoncerna proceduri quddiem it-Tribunal ta' Appell qed jaghti dritt ta' appell lil Gvern ta' Malta, anki f'din il-procedura permezz tal-artikolu 11(1)(c)(iii) tal-Kap. 551. Din il-Qorti tqis li l-argument tal-appellant li z-zewg ligijiet cioe Kap. 551 u 552 mhux esklussivi ghal xulxin u fejn wahda ma teskludiex esplicitament lil ohra ghandhom jkunu applikati u interpretati b'mod komplimentari hu argument validu. Pero qari tal-artikolu 11 ma jaghtix il-kumpliminterjeta li qed jissottometti l-appellant. L-artikolu 11(1)(c)(iii) tal-Kap. 551 jghid li t-Tribunal ghandu jisma u jiddeciedi appelli maghmula minn <u>kull persuna</u> aggravata b'decizjoni fuq talba ghal tibdil jew revoka ta' permess. Qari ta' dan is-subartikolu jaghti prima facie dritt lil kull persuna, mhux necessarjament il-Gvern ta'

Malta biex jappella minn decizjoni ta' tibdil jew revoka ta' permess. Pero dan l-artikolu jibda bil-kliema 'bla hsara ghad-dispozizzjonijiet tal-Kap. 552'. Dan ifisser illi jekk l-Kapitolu 552 qed jaghti b'mod car u specifiku l-limiti ta' dritt ta' appell, il-poteri tat-Tribunal huma limitati b'dak id-dritt koncess u ma jistghax jestendih bil-provvediment generali taht l-artikolu 11(1)(c)(iii) tal-Kap. 551. Dak is-subinciz hu minnu li qed jistabilixxi l-limiti tal-poteri tat-Tribunal. Moqri wahdu 'kull persuna' ma fihiex eccezzjoni jew limitazzjoni. Izda hu car illi tali subinciz ma jistax jigi applikat isolatament jekk l-Kap. 552 jipprovdi b'mod specifiku ghall-limitazzjonijet fuq id-dritt tal-appell ghal tibdil jew revoka. Il-Kap. 551 f'din il-kwistjoni ta' tibdil jew revoka ma jikkomplimentax il-Kap. 552 izda jistabilixxi d-dritt biss liema dritt imbaghad fit-tifsira ta' 'kull persuna' hu ben delineat u cirkoskritt f'dak li jipprovdi l-artikolu specifiku tal-ligi fejn jidhol dritt ta' appell cioe l-artikolu 80 tal-Kap. 552.

Il-Qorti ma tqis li tista' testendi dak li l-ligi ma thallihiex taghmel. Il-Qorti mhix ser tidhol f'konsiderazzjoni jekk dawn iz-zewg artikoli kienux intenzjonali li jsiru hekk jew le. Dak li jinteressa lil Qorti hu dak li tipprovdi l-ligi, u l-artikolu 80 tal-Kap. 552 jillimita l-poter lit-Tribunal fit-tifsira ta' 'kull persuna' imsemmija fl-artikolu 11(1)(c)(iii) tal-Kap. 551. Interpretazzjoni ohra tkun qed tmur kontra dak li jipprovdi l-artikolu specifiku rilevanti ghall-iskopijiet tat-tibdil jew revoka tal-permessi cioe l-artikolu 80 tal-Kap. 552.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell tal-Avukat Generali nomine u tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tat-3 ta' Novembru 2016, bl-ispejjez kontra l-appellant.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur